



Brussell, 26 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5543/21

LIMITE

PECHE 30
UK 24

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Tħejjija tal-konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u r-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 u, għall-istokkijiet tal-baħar fond, għall-2021 u l-2022 - Gwida inizjali tal-Presidenza fid-dawl tal-konsultazzjonijiet

Wara d-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd, fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, u fil-Vidjokonferenza Informali tal-Ministri għall-Agrikoltura u s-Sajd tal-25 ta' Jannar 2021, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ma' din in-nota l-gwida inizjali proposta tal-Presidenza fid-dawl tal-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 u, għall-istokkijiet tal-baħar fond, għall-2021 u l-2022.

Gwida inizjali għall-bidu tal-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit

Minbarra d-dokument informali rivedut tal-Kummissjoni¹, il-Kunsill iqis li l-gwida li ġejja għandha tiffirma l-pożizzjoni inizjali tal-Unjoni għall-bidu tal-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit:

- L-involviment tal-Kunsill fil-livell Ministerjali matul il-proċess kollu f'postijiet xierqa għandu jiġi żgurat;
- Għandhom jiġu garantiti koordinazzjoni u kooperazzjoni estensivi bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni matul dan il-proċess, sabiex jiġi żgurat l-involviment sħiħ tal-Kunsill. Dan jinkludi laqgħat ta' koordinazzjoni in situ, preżentazzjonijiet, tgħarrif u diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, involviment sħiħ tad-delegazzjonijiet fil-konsultazzjonijiet inkluż bħala parti mid-delegazzjoni tal-UE, kif ukoll laqgħat tekniċi fejn meħtieġ;
- Il-prinċipji, l-oġettivi u d-dispożizzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd għandhom jiggwidaw il-konsultazzjonijiet. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, li d-deċiżjonijiet jiġu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet pluriennali, filwaqt li jiġu rispettati t-tliet pilastris tas-sostenibbiltà (ambjentali, ekonomika u soċjali) kif ukoll biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sajd imħallat;
- Bil-ħsieb li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE u biex tiġi ffaċilitata t-tnejn ulterjuri tal-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tipprovdi aktar dettalji fuq bażi ta' stokk, b'mod partikolari dwar il-livelli tat-TAC kif ukoll dwar kwistjonijiet oħra ta' importanza għad-delegazzjonijiet, bħal miżuri ta' rimedju u l-proċedura għal skambji ta' kwoti. Sakemm tiġi stabbilita l-pożizzjoni formali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu kont tal-pożizzjoni tad-delegazzjonijiet dwar l-istokkijiet identifikati bħala prijoritajiet. Huwa f'idejn il-Kunsill li jiddeċiedi l-livell xieraq li fih għandha tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE u l-forma li biha għandha tiġi adottata;

¹ kif jinsab fid-dokument 5031/1/21 REV 1.

- Il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha biex issegwi kundizzjonijiet ekwi bejn il-flotot tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward tal-miżuri ta' rimedju u l-obbligu ta' ħatt l-art.

Jekk ikun meħtieġ, din il-gwida inizjali għandha tiġi żviluppata aktar fil-Kunsill u mill-Kunsill qabel ma jintlaħaq kwalunkwe ftehim mar-Renju Unit.
